# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

*(Jissokta ma' dak li deher fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Settembru, faċċ. 91)*

*Ta' A.C.*

18. *INSOLJA INGLIŻA* — Għeneb għall-ikel.
19. *INDOLJA FRANĊIŻA* — Tajba għall-inbid.
20. *INSOLJA GĦAWDXIJA* — Għeneb tajjeb ferm għall-ikel.
21. *INSOLJA ĦADRA* — Għeneb għall-ikel.
22. *INSOLJA ĦADRA TAL-IBJAR*—Tajba għall-ikel u għall-inbid.
23. *INSOLJA TA' RUMA* — Għall-ikel.
24. *INSOLJA ĦAMRANIJA jew DIELJA TAL-MUXI* — Tajba għall-ikel u għall-inbid.
25. *INSOLJA ĦELWA* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
26. *INSOLJA ĦELWA RQIQA jew ĦELWA TA' MALTA* — Għeneb tajjeb għall-inbid.
27. *INSOLJA ĦOXNA jew INS. MORRA* — Tajba għall-Ikel u għall-Inbid.
28. *INSOLJA IEBSA jew MIĠUNA FRANĊIŻA* — Għeneb għall-ikel.
29. *INSOLJA MALTIJA RQIQA jew INS. SAFRA* — Fil-qedem nofsha selvaġġa — Għeneb tagħha għall-inbid. Rari.
30. *INSOLJA MARSUSA ĦAMRANIJA jew INSOLJA TAL-INBID* — Tajba għall-inbid. *Nota*: Id-dielja sabiħa għal fuq il-kannizzati.
31. *INSOLJA NAPULJUNA* (ġdida) — Tajba għall-ikel.
32. *INSOLJA SEWDA TA' GĦAJN TUFFIEĦA* — Tajba għall-ikel u għall-inbid.
33. *INSOLJA SEWDA TAL-INBID* — Għall-inbid.
34. *INSOLJA SEWDA TA' STONKA* — Tajba għall-ikel, ukoll għall-għasir imħallta ma' għeneb ieħor.
35. *INSOLJA TA' BURNAĦĦALA* — L-ewwel ma tħawlet f'Burnaħħala fil-punent tar-Rabat madwar l-1870. — L-għeneb tajjeb ferm għall-ikel, iżda għajjiena għall-għasir.

*(Jissokta)*



# IL-WARDA TAL-MULEJ

*Ta' ĠUŻE' CARDONA*

*Lil Dun Karm Mercieca, Missjunarju fil-Brażil, fl-Ewwel Quddiesa Solenni, S. Ġorġ, Qormi, Malta.*

Bħal warda kollha ġmiel qabel ma tiftaħ,
Għażlek Għalih imgħaxxaq il-Mulej:
Sawrek bil-grazzji, ħarsek minn kull dnewwa,
Biex tfewwaħ fuq l-Artal u tkun Mexxej,
Bħal Pawlu, tal-Wemmiena f'Art imbiegħda
U tkompli ta' dik l-Għażla l-akbar Wegħda.

Il-Wegħda li tkun tixbah lil Min Għażlek
Lissint minn jeddek fil-Brażil fil-bogħ'd:
Li tinsa lilek biex tgħix biss għal għajrek,
Li tħalli 'l Niesek, 'l Artek bla tirtogħ'd;
Għax qawwi ħsiebek, mimli b'dawl divin
Ridt tiċħad kollox f'taż-żgħożija s-snin.

Illum erġajt fewwaħt l-Art li nisslitek
Biex fwieħtek tħajjar żgħażagħ għall-Brażil;
Tħajjarhom mill-frugħat, mill-ġid jinfatmu,
Biex jaqdu 'l Alla biss, għax ix-xogħ'l tqil
Tal-Ħsad jitħaffef b'iżjed qassisin . . .
— Morru qalbiena ma' Dun Karm henjin!

L-Ewwel ta' Jannar 1966.

---

# LIL ĦIJA EDWARD

*Ta' ALBERT M. CASSOLA*

Max-xemx li bilkemm feġġet
Smajt jifthu s-serraturi:
Ħanut il-kaċċaturi
Ġà fetaħ il-bibien.

Fit-toroq issa ntefa
Id-dawl artifiċjali,
M'hemmx ħtieġa ta' fanali,
Irxoxta l-jum max-xemx.

Is-sagristan iddakkar,
L-istaneg qala' kollha,
In-nies bla ma tiffolla
Resqet minn kullimkien.

Għalik, stendut fuq sodda
Fir-raqda ħelwa, eterna,
Fid-dawl żgħir ta' lanterna,
Għad-dinja qawmien m'hemmx.